# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023**

**Avviż numru: 2/2020 BS**

**Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**-vs-**

**Lorenzo Delfino**

**Il-Qorti;**

**Rat l-Avviż** fejn ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talab lil konvenut Lorenzo Delfino jgħid għaliex m'għandux jinstab ħati ta' disprezz għall-awtorita' tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri, Sezzjoni Generali fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiġi kkundannat għall-pieni preskritti mil- liġi għal tali disprezz peress illi neħħejt l-oġġetti maqbuda peremzz tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 145/2018 JVC li ġie akkordat fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) mill-fond bla numru uffiċjali fi Triq il-Kapuċċini, Rabat, Għawdex kif indikat aħjar fl-imsemmi mandat, liema digriet kien jippreklidik milli tiddisponi bi kwalunkwe mod minn *fridge, mixer, pizza oven, oven, cooker, trays u* mejda li kienu jinstabu fil-fond imsemmi.

Bl-ispejjes u bis-subizzjoni skond il-liġi.

**Rat ir-risposta tal-konvenut illi eċċepixxa:**

1. *"Illi preliminarjament l-azzjoni aodjerna tinsab preskritta fit-termini ta' l-artikoli 2153 u 2154 (1) tal-Kap XVI tal-ligijiet ta' Malta. Ghal kull bwon fini jigi ddikjarat illi l-ewwel darba li l- espoennti gie notifikat b'dawn il-proceduri kien fil-5 ta' Mejju 2021.*

2. *Illi bla pregudizzju ghas-suespst fil-mertu ma huwiex minnu illi l-esponenti b'xi mod kiser il-mandat imsemmi*

3. *Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-drittu fil-fatt u dan kif se jigi mostrat f'dawn il-proceduri u kwindi l-istess talbiet qed jigu aopposti u kkontestati, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."*

Fliet l-atti

Rat li fis-27 ta April, 2023 inghatat decizzjoni in parte li permezz taghha din il-Qorti kif preseduta cahdet l-eccezzjoni ta preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

Rat li fis-seduta ta l-20 ta Ottubru, 2023 ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali ta Ghawdex iddikjarat illi din il-kawza tista tmur ghas-sentenza.

Rat li l-kuratur deputat Dr Deborah Camilleri irrimettiet ruhha u li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat.**

Permezz ta din il-kawza ir- Registratur tal-Qrati u Tribunali t'Ghawdex qed titlob lil Qorti ssib lill-konvenut Lorenzo Delfino hati ta disprezz lejn l-Awtorita ta din il-Qorti liema disprezz sehh meta l-konvenut nehha oggetti maqbuda permezz ta mandat ta qbid kawtelatorju bin-numru 145/2018 li kien gie akkordat fis-17 ta Ottubru, 2018 mill-fond bla numru li jinsab fi Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex.

Il-konvenut minn naha tieghu qajjem l-eccezzjoni ta preskrizzjoni liema eccezzjoni giet michuda b'sentenza preliminari fis-27 ta April, 2023. Fil-bqija huwa cahad li kkometta disprezz.

Illi din hija kawza dwar disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti istitwita a tenur tal-artikolu 997 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artiklu 997 jipprovdi s-segwenti:

*"997. (1) illi fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.*

*(2) Il-Qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-Qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) kif il-Qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi."*

Illi gie ribadit li azzjoni simili tassigura l-buon ordni pubbliku, u hija intiza mhux biex l-attur jirbah xi haga izda biss li jigi zgurat u mhares l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja.[1]

Huwa ormai assodat illi d-disposizzjonijiet gia msemmija huma ta' indoli kriminali. Dan igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut ghandu jithares skont il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-"akkuzat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali.[2] Dan jghodd ukoll jekk il-procedimenti ghad-disprezz jiehdu s-sura ta' proceduri civili.[3]

---

[1] Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina
[2] Il-Pulizija vs Calleja, Appell, deciz 8 ta GUnju, 1998
[3] Registratur tal-Qrati u Tribunali ta Ghawdex vs John Vella pro et noe, deciz 12 ta Gunju, 2007

Issa fil-kaz odjern minhabba l-indoli kriminali tal-azzjoni odjerna, mhuwiex permess li din il-Qorti taghti interpretazzjoni wiesgha ghall-ordni tal-Qorti. Huwa wkoll pacifiku li l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha.[4] Minghajr din l-intenzjoni ma jsir l-ebda disprezz.[5]

Fil-kaz odjern l-attrici naqset li ggib dawn il-provi tant importanti. Infatti ma ngabet ebda prova mir-Registratur u ghaldaqstant il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra ghajr illi tichad it-talba ta l-attrici.

**Decide.**

Ghaldaqstant in vista tal-premess u ghar-ragunijiet gia moghtija din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi l-kawza , billi tichad it-talba attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez jithallsu mir-Registratur Tal-Qrati u Tribunal ta Ghawdex.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**

---

[4] Registratur tal-Qorti Superjuri vs Anna Mizzi , Prima Awla, deciza fit-12 ta' Dicembru 2001
[5] Direttur Qrati Civili u Tribunali vs Joseph Tonna, Prim Awla, deciza fil-11 ta' April 2011